MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1768/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizz ta’ l-Ilma f’isimha propio u ghan-nom ta’l-Enemalta**

**vs**

**Charles Grech**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f’l-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Settembru 2005 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet hlas tas-somma ta’ tlett mija sitta u sittin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm366.12) dovuta kwantu ghal tlieta u tmenin lira u Maltija erbgha u hamsin centezmu (Lm83.54) ghal konsum ta’ ilma u kera ta’ meter ta’ l-ilma u kwantu ghal mitejn tnejn u tmenin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm282.58) ghall-konsum ta’ l-elettriku u kera tal-meter ta’l-elettriku fil-fond 2 Triq il-Kungress Marjan

Marsa, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-11 ta' Mejju 2004.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut giet notifikat b'l-avviz fid-19 ta' Ottubru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' tlett mija sitta u sittin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm366.12) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------